# Investigazzjoni Stilistika tal-*Kantilena*

## *1. Introduzzjoni*

Fil-letteratura bil-Malti l-mixja tal-moħħ poetiku tibda bil-*Kantilena,* miktuba b'mod professjonali għall-ħabta ta' nofs is-seklu ħmistax minn Pietru Caxaro, poeta, filosfu, u oratur li miet fis-sajf tal-1485. Din il-poeżija nstabet fit-22 ta' Settembru 1966 mill-Professur Godfrey Wettinger u Patri Mikiel Fsadni waqt li kienu qegħdin jirriċerkaw fuq ħwejjeġ storiċi differenti (Wettinger 8-11). Wettinger u Fsadni sabu din l-għanja fl-atti notarili ta' Brandan de Caxario, miżmuma f'reġistru li jġib id-dati mill-4 ta' Diċembru 1533 sas-26 ta' Mejju l536 (Wettinger u Fsadni 11-12). Hawn min isejħilha "Xidew il-Qada" li huma l-ewwel żewġ kelmiet tal-għanja, imma l-aktar isem popolari huwa "Kantilena" kif sejħilha Brandan meta kkopjaha fir-reġistru tiegħu. Brandan jgħid li Pietru kien qaribu u kitibha kif kien jiftakarha hu: bil-Malti kif imsawra minn Pietru. M'hemm l-ebda dubju li x-xogħol huwa awtentiku.

L-iskop ġenerali ta' dan l-istudju huwa stilistiku, skop li jrid jislet dettalji prattiċi li jikkontribwixxu għall-interpretazzjoni testwali. Nittama li minn dan l-istudju stilistiku jixref materjal biżżejjed biex tisseddaq id-diskussjoni dwar il-lingwa u l-arti tal-*Kantilena.* L-idea mħaddna hawn hija li l-aspetti lingwistiċi u kritiċi huma kumplimentarji ta' xulxin: b'tal-ewwel joffru l-għodda għat-tieni. L-implikazzjoni tal-isem ta' dan l-istudju hija tiftixa fl-istil letterarju tal-*Kantilena,* jew fi kliem ieħor tgħarbila tal-użu tal-lingwa mħaddma fil-poeżija. Se ninvestiga l-istil ta' Caxaro,

jiġifieri l-karatteristiċi tal-lingwa li Caxaro uża bħala mezz ta' espressjoni letterarja. Hija minn ewl id-dinja li biċċa xogħol letterarja ma tistax tinftiehem sew jekk ma jkunx hemm għarfien xieraq tal-lingwa li qed twassalha. Meta x-xogħol ikun ta' xi perjodu remot u jużа l-lingwa Maltija ta' xi żmien imbiegħed, allura wieħed jifhem li l-analiżi lingwistika trid takkumpanja l-analiżi letterarja. Imma mhux hekk biss. Fl-istilistika l-istudji letterarji jafdaw ħafna fuq l-istudji lingwistiċi. Id-diskussjoni kritika tal-letteratura spiss tirreferi għall-evidenza lingwistika, u barra minn hekk il-kunċetti tal-kritika letterarja (bħal "lingwa figurattiva", "ritmu", "metru") infissruhom billi nirrikorru għall-kunċetti lingwistiċi. L-istilistika, mela, tinseġ il-lingwistika mal-kritika letterarja biex tispjega x'tikkomunika l-poeżija u kif tikkomunikah. Timxi fuq l-oġġettività imma xorta tafda fuq l-intuwizzjoni biex tfittex u tgħarbel u forsi tislet ġudizzju. Il-fatti oġġettivi waħidhom ma wasslux għal apprezzament aħjar. Id-deskrizzjoni mhux biss trid turi x'mekkaniżmi jintużaw imma x'realtajiet dawk il-mekkaniżmi qegħdin jikxfu. Kull karatteristika li se nitkellmu fuqha titqies fil-kuntest kollu tal-*Kantilena* u rridu narawha bħala kontribuzzjoni għall-effett komunikattiv sħiħ. B'hekk jistagħna l-apprezzament.

Dan li nifhem bit-titlu ta' hawn fuq.

## *2. Bniedem Kolt u Prominenti*

Pietru Caxaro, iben Ljuni u Żuna, mill-Imdina, twieled fil-bidu tas-seklu XV. Kien nutar pubbliku u jħobb it-tagħlim, u kien ukoll meqjus bħala poeta, filosfu, u oratur ta' ħila. Wara l-istudji tiegħu hawn Malta mar Palermo biex jagħmel l-eżami

quddiem il-protonutar, u fl-1 ta' April 1438 laħaq nutar pubbliku għall-gżejjer Maltin. Imma jidher li ftit ħadem ta' nutar, għax f'Ġunju tal-istess sena nħatar imħallef għal Għawdex. Sadattant ġieli għamilha ta' mħallef għal Malta wkoll u fil-qrati tal-gvern u tal-isqof. U kienu bosta l-okkażjonijiet bejn l-1452 u l-1483 meta kellu jagħmilha ta' ġurat fil-kunsill popolari ta' Malta.

Il-qagħda soċjali tal-familja tiegħu għenitu ħafna fil-karriera tiegħu, għax fid-dokumenti li għandna nsibu li l-familja ta' Caxaro tat sehem sħiħ fil-ħajja pubblika tal-gżejjer Maltin. Xi wħud minn qrabatu kienu kaptani fuq bastimenti tal-merkanzija u kienu jinnegozjaw l-ikel minn Sirakuża. Oħrajn daħlu mad-dejma ta' Malta, filwaqt li oħrajn laħqu mħallfin u ġurati. Kien hemm ukoll minnhom min kien prokuratur tal-katidral tal-Imdina, ambaxxatur ta' Sqallija għal Malta, protettur tas-swar, u membri tal-kunsill tal-Imdina. Pietro Caxaro kien ukoll wieħed mill-kunsillieri tal-Imdina bejn l-1450 u l-1483, u għamel ħabta segretarju tal-kunsill tal-Imdina. Mid-dibattiti li għandna fil-Biblijoteka ta' Malta naraw li kellu ħila kbira fit-taħdit u kien kapaċi jikkonvinċi lil min jisimgħu[1]. L-għanja turih li kien jaf jesprimi ruħu b'mod ċar u bi stil qawwi. Barra minn hekk, insibu li Pietro Caxaro kien sid ta' bosta propjetajiet f'Malta u kellu xi lsiera fis-servizz tiegħu. Għalkemm għall-ħabta tal-1463 kien tħajjar jiżżewweġ lill-armla Francha de Biglera jidher li baqa' għażeb. Meta miet fis-sajf tal-1485 indifen fil-kappella tal-Madonna tas-Sokkors li nbniet bi flusu fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat.

[1] Dan it-tagħrif imqassar fuq ħajtu huwa meħud minn Wettinger u Fsadni.

Minn dan kollu naraw li Pietro Caxaro kien ġej minn familja kolta u tat-tajjeb, kellu edukazzjoni għolja, kien figura importanti u prominenti fi żmienu, u kien attiv sew fil-ħajja pubblika tiegħu. B'dan l-isfond nifhmu aħjar dak li wettaq bil-kitba tal-għanja tiegħu bil-Malti. Bħala politiku fil-kunsill tal-Imdina ħawtel ħafna fuq il-fortifikazzjoni tal-belt ewlenija li dik il-ħabta kienet l-Imdina. Irsista qatigħ biex it-tiġrif tat-torri tal-kastell (li ġara fl-1454) jissewwa bla dewmien żejjed. Fl-1480 ikkritika bl-aħrax lill-isqof ta' Malta minħabba l-korruzzjoni tiegħu u ta' din il-kritika ġie skumnikat u mogħti l-interdett. Caxaro ma waqafx mill-kritika tiegħu u fl-1481 l-isqof kellu jirtira l-iskomunika u l-interdett. Dan il-fatt juri lil Caxaro bħala personalità b'determinazzjoni qawwija għall-ġustizzja soċjali, aġir li kien jitlob kuraġġ kbir f'dawk iż-żminijiet. Minn hawn ukoll nintebħu li l-ispirtu ta' tama li trid tnissel *il-Kantilena* (jiġifieri, rieda qawwija biex sfortuna tinbidel sa ma tinstab qagħda tajba għall-vittma) kien parti mill-personalità ta' Caxaro. U din il-karatteristika fil-poeta jeħtieġ inżewġuha wkoll mal-umaniżmu tiegħu li hu ġab mill-Katalunja u minn Palermo. Caxaro huwa l-poeta tat-tama ("u hekk waqgħet hi, imrammti. U erġa' ibniha!"). Jagħraf is-siwi u d-dinjità tal-bniedem li b'determinazzjoni sħiħa ma jridx jitkagħweġ taħt it-toqol ta' xi saram kbir. Il-bniedem, fil-moħħ filosofiku u poetiku ta' Caxaro, huwa l-qies ta' kollox u dejjem jidħol fil-qafas tal-limitazzjonijiet tan-natura umana ħalli jgħarbel il-possibiltajiet kollha ("Hemm art bajda, u hemm art sewda u ħamra"). U l-akbar possibiltà li Caxaro skopra kienet li dan il-ħsieb elevat seta' jwasslu poetikament bl-ilsien nattiv tal-gżejjer Maltin, ilsien mitkellem, qatt miktub.

Għaliex kiteb bil-Malti? Friggieri jagħti żewġ raġunijiet. Caxaro seta' għażel il-Malti għax kien "l-ilsien tal-esperjenza u tat-tiġrib" u bih seta' jkun intimu aktar milli seta' jkun bl-ilsien tal-kultura (jiġifieri bit-Taljan) li kien it-tieni lingwa tiegħu. Imma l-kittieb bilingwu jista' jkun intimu biż-żewġ ilsna (bħalma llum insibu ħafna li huma intimi kemm bl-Ingliż u kemm bil-Malti). Imbagħad nafu li kien jaf sew ukoll bil-Latin (il-lingwa franka ta' żmienu) li seta' jagħtih ċirkulazzjoni usa' kieku kellu l-ħsieb jippubblikaha. Għalhekk din ir-raġuni nsibha daqsxejn dgħajfa. U t-tieni raġuni hija li Caxaro għażel il-Malti biex jesperimenta bi lsienu u jara kemm jista' jħaddem il-mudelli letterarji tat-tradizzjoni Taljana. Friggieri joġġezzjona għal din ir-raġuni għax hija akkademika, imma jien naraha aktar possibbli mill-oħra għax Caxaro kien intellettwali u akkademiku.

It-tradizzjoni storikukulturali kienet, fis-seklu XV, nieqsa mill-kitba bil-Malti u nieqsa wkoll minn sistema ortografika li turi kif kellu jinkiteb il-Malti. Il-Malti ma kellu ebda dinjità letterarja. Kien biss ilsien mitħaddet u l-prattika tal-klassi soċjokulturali kienet bit-Taljan jew bil-Latin jew almenu bl-Isqalli. Caxaro għażel li jikteb bil-Malti forsi għax ħass li kellu jipparteċipa fil-mixja intellettwali tal-ewwel nofs tas-seklu XV b'ilsien ta' nisel Semitiku. Għal din il-ħabta fl-Italja kien hemm il-konflitt bejn l-umaniżmu u l-vernakolari (Jacob 412). Fid-difiża għall-vernakolari tressqu l-potenzjalitajiet lingwistiċi: il-lingwa vernakolari kellha mekkaniżmu tajjeb biżżejjed biex wieħed ifisser ħsibijiet serji u importanti biha. It-Taljan fl-Italja diġà kellu lil Dante, Petrarka, u Boccaccio (fost oħrajn) imma ma riduhx jibqa' biss f'lok marġinali ta' espressjoni poetika u divertiment popolari li kienet toffri n-novella. Bosta kienu dawk li xtaqu li t-Taljan ikollu sehem daqs il-Latin u jintuża wkoll

f'suġġetti sinifikanti. Kien Bruni li stqarr li l-lingwi kienu kollha l-istess: "Ciascuna lingua ha sua perfezione, e suo suono, e suo parlare limato e scientifico." U Caxaro, ta' bniedem patrijott u kolt li kien, seta' għaraf dan il-prinċipju u għażel li jgħolli d-dinjità tal-Malti fuq pjanċier letterarju. Forsi ma kellu ebda ħsieb li jippubblikaha u allura dan il-pass ħadu għas-sodisfazzjon personali tiegħu. Imma hi x'inhi r-raġuni, *il-Kantilena* turina li l-Malti kien diġà qed jewropeizza ruħu sew fl-ewwel nofs tas-seklu XV. U l-kwistjoni tal-ortografija kien diġà ddeċidiha Caxaro: ilsien Semitiku miktub b'sistema Latina. Kieku *l-Kantilena* ma ndifnetx fid-dlam taż-żmien u l-istudjużi Maltin kienu jafu biha, kieku l-ġrajja ta' lsienna x'aktarx kienet tkun differenti[2].

## *3. Il-Kantilena*

Caxaro jibqa' magħruf bħala l-poeta li sawwar l-ewwel għanja li għandna fi lsienna u l-mixja poetika fil-ġonna letterarji tal-gżejjer Maltin tibda minn hawn. Minn din l-għanja li ħallielna naraw kemm kien kapaċi bħala poeta li jirrappreżenta lsien li ma kienx jinkiteb u jinsġu bi stil espressiv ħafna. L-għanja bl-ortografija tal-lum hija din:

*Xidew il-qada, ja ġireni, tale nħadditkom,*

*Ma nsab fil-weri u le nsab f'għomorkom*

---

[2] Forsi fis-sekli ta' wara s-seklu XV kien ikun hemm min kien jissogra jikteb aktar bil-Malti ħalli jesprimi ruħu bil-vernakolari. Kif kienu jużaw il-*Kantilena* fl-argumenti tagħhom nies bħal De Soldanis, M.A. Vassalli, G.A. Vassallo, Ġ. Muscat Azzopardi, Dun Karm?

*Qalb m'għandha ħakem, sultan u le mula*

*Bir imgħammiq irmietni, b'turġien muħsula,*

*Fejn, ħajran għall-għarqa, ninżel f'tiraġ minżeli*

*Nitla' u nerġa' ninżel dejjem fil-baħar il-ħali.*

*Waqgħet hi, imrammti, l'ili żmien nibni,*

*Ma ħtatlix mgħallmin, 'mma jahti t-tafal merħi;*

*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi;*

*Waqgħet hi, imrammti.*

*Waqgħet hi, imrammti; niżżlet hi s-sisien;*

*Ma htatlix l-imgħallmin, 'mma qatgħetli l-ġebel;*

*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi*

*Waqgħet hi, imrammti, l'ili żmien nibni.*

*U hekk waqgħet hi, imrammti. U erġa' ibniha!*

*Biddillha inti l-imkien illi jewtiha.*

*Min ibiddel l-imkien ibiddel il-vintura;*

*Għaliex l-iradi għal kull xiber sura:*

*Hemm art bajda, u hemm art sewda u ħamra.*

*Aktar minn hedawn hemm trid minnha tamarha.*

Se nġib issa l-għanja kif nifhmuha llum bit-taqsimiet (imfasslin tematikament) li nifhem għandu jkollha:

A. Il-Ftuħ: Is-Sejħa biex jiftaħ qalbu ma' xi ħadd – Il-ġrajja tal-isfortuna tiftaħ b'invokazzjoni u b'iperbole għad-drammatiċità; il-poeta jrid jaqsam in-niket tiegħu ma' ħaddieħor.

B. L-Atmosfera: L-Isfortuna – L-iperbole twassal għal qtigħ il-qalb.

C. Is-Suġġett: Il-Fissazzjoni tal-Imġarrab – In-niket tal-bniedem ġej mid-delużjoni u l-falliment tal-proġett tiegħu. It-tennija ta' kliemu turi l-intensità tan-niket li qed jaħkmu.

D. *Il-Climax:* L-Għarfien – In-nebħa f'daqqa li hemm soluzzjoni għall-isfortuna tiegħu twasslu għall-faraġ u għat-tama; dak li ilu jakkumula man-niket issa jilħaq quċċata u jnebbħu x'jista' jagħmel.

E. L-Għeluq: It-Tagħlima – Issa li għaraf xi jrid jagħmel qiegħed f'qagħda mentali aħjar tant li lest li jagħti parir.

## *4. Il-Malti Medjevali*

Il-lingwa Maltija tal-lum tirrifletti sekli sħaħ ta' żvilupp. L-avvenimenti soċjali u politiċi li affettwaw profondament il-ġrajja tal-Maltin fil-ħajja nazzjonali tagħhom affettwaw ukoll il-lingwa. L-evoluzzjoni lingwistika sseħħ kontinwament fil-vokabolarju, fil-pronunzja, fil-grammatika, u fit-tifsir. B'dan il-mod jinħolqu d-djaletti temporali jew varjetajiet użati f'perjodi differenti. Il-*Kantilena* tagħtina ħjiel ċkejken ta' wieħed minn dawn id-djaletti temporali. U l-ftit li għandna rridu neżaminawh sinkronikament biex nisiltu aspetti tal-lingwa kif kienet fis-seklu XV, imma fl-istess ħin ma nistgħux nevitaw għalkollox li niflu l-perspettiva dijakronika tal-Malti. Biss, l-aktar li se nagħmel f'dan l-istudju huwa li nifli stilistikament il-poeżija, u l-iskop tiegħi f'din l-analiżi stilistika tal-poeżija huwa li nara kif il-lingwa ta' Caxaro taħdem f'kuntest letterarju. Jiġifieri hawnhekk se ninvolvi l-kritika letterarja u l-lingwistika bil-għan li ntejjeb l-interpretazzjoni. Irid ikun hemm is-sensittività għal-lingwa (li fil-każ ta' Caxaro rridu nesplorawha) u t-tħassib fuq l-essenzjal tematiku. Għaldaqstant irridu naraw x'għamla ta' lingwa hi u x'letteratura hi. Dan iġagħalna nistaqsu xi mistoqsijiet.

Il-*Kantilena* tippreżentalna l-Malti medjevali u forsi l-ewwel mistoqsija li rridu nistaqsu hija: il-lingwa tal-*Kantilena* hija ta' Pietru Caxaro jew tal-kopista Brandan de Caxario? Billi m'għandna ebda mezz biex nistabilixxu ċ-ċertezza, noqogħdu fuq dak li hu aċċettat s'issa: li kitibha Pietru u kkupjaha Brandan (anki jekk dan għamel xi korrezzjonijiet). Jiġifieri l-Malti tal-għanja huwa dak tas-seklu XV u probabbli l-*Kantilena* nkitbet għall-ħabta ta' nofs dak is-seklu. Huwa Malti qadim:

fatt stabbilit mill-forom qodma li nsibu fil-verżjoni oriġinali tal-poeżija (bħal xi plural li m'għadux jintuża, xi għamla verbali li spiċċat, u xi arkajiżmi). Hu Malti li ġej mhux mill-Għarbi Klassiku imma aktar minn xi varjetà ta' Għarbi mitkellem, x'aktarx mill-Għarbi ta' Sqallija (Brincat 94-95).

It-tieni mistoqsija li jkollna nistaqsu hija: il-lingwa tal-*Kantilena* li (fil-verżjoni oriġinali tagħha)[3] hija lingwa miktuba b'alfabett missellef minn lingwa oħra, kemm tirrifletti l-lingwa mitkellma? Il-Professur Brincat jinstema' lingwistikament konvinċenti meta jgħid li l-lingwa tal-*Kantilena* hija għamla ta' lingwa "raffinata" tal-mitkellem, jew nistgħu ngħidu li huwa Malti letterarju. Imma avolja hija lingwa magħżula u mirquma xorta waħda tista' tirrifletti aspetti jew karatteristiċi tal-mitkellem. Għaldaqstant l-aħjar ħaġa hija li niddeskrivu xi wħud minn dawn il-karatteristiċi billi nagħtu deskrizzjoni lingwistika tal-poeżija.

It-tielet mistoqsija hija: x'elementi letterarji ħaddem Caxaro fil-poeiija tiegħu? Il-Professur Oliver Friggieri jiddiskuti l-poeżija bħala waħda bbażata fuq kultura nisranija, waħda li tinqeda wkoll b'forma poetika Ewropea. Dawn iż-żewġ aspetti jeħtieġ nifluhom sew ħa naraw x'esperjenza estetika jew x'perċezzjoni tar-realtà l-poeżija tixtieq twassal. Fenech jaħseb li, minħabba s-sengħa letterarja li tixref mill-għanja, Caxaro (jew forsi ħaddieħor) seta' kiteb xi xogħlijiet oħra bil-Malti. Però, s'issa rridu nibqgħu ngħid li l-*Kantilena* hija l-unika poeżija medjevali li għandna.

---

[3] F'dan li ġej se nimxi fuq kif inhi traskritta l-poeżija minn G. Wettinger u M. Fsadni, *Peter Caxaro's Cantilena* (Malta, 1968), p.36.

## *5. Aspetti Ortografiċi*

Imma qabel xejn, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-ortografija qatt ma tista' tirrappreżenta eżatt l-pronunzja, li l-ortografija fis-seklu XV u XVI ma kinitx konsistenti, u li meta alfabett jiddaħħal minn lingwa oħra, ir-riżorsi tiegħu mhux dejjem ikunu jixirqu għal kollox il-funzjonijiet il-ġodda.

**Din hija silta minn studju li jidher fl-appendiċi ta' *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*, ta' Ġużè Cassar Pullicino (PIN, 2001).**

## *Biblijografija*


Brincat, J.M. *Il-Malti: Elf Sena ta' Storja*. Malta: PIN, 2000. Print.

Jacob, E.F. (Ed.). *Italian Renaissance Studies*. Londra: Faber & Faber Ltd., 1960. Print.

Wettinger, G. "The Discovery of Peter Caxaro's Cantilena". *Pietru Caxaro u l-Kantilena Tiegħu*. Ed. M.F. Montebello. Malta: 1992. Print.

Wettinger, G. u M. Fsadni. *L-Għanja ta' Pietru Caxaro*. Malta: 1983. Print.